MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2006

Numru 248/2006

**Illum 27 ta' Novembru 2006**

**App Nru 248/06**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Lucia Saliba**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Lucia Saliba bint Francis u Antonia nee` Farrugia talli nhar it-12.01.06 ghall-habta tal-21.00 go triq il-Madonna tac-Cicri, Zebbug, Ghawdex, volontarjament ghamlet hsara ghad-dannu ta' Maria Cini u dana billi volontarjament gharrqet jew ghamlet hsara billi taqbet pajp tal-plastic u gibdet pajp tal-plastic iehor, liema hsara tammonta ghal anqas minn hamsin lira (Lm50) u dan bi ksur tal-Artikolu 325 tal-Kodici Kriminali; il-prosekuzzjoni talbet li f'kaz ta'

htija l-Qorti tapplika l-Artikoli 383 u 384 tal-imsemmi Kodici;

Rat is-sentenza ta' l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tat-22 ta' Gunju 2006 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmija Lucia Saiba hatja skond l-imputazzjoni kif dedotta u kkundannatha piena karcerarja [recte: ta' prigunerija] ta' xahrejn sospizi ghal sentejn bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Lucia Saliba, minnha prezentat fl-4 ta' Lulju 2006, li permezz tieghu talbet ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-1 ta' Settembru 2006; ikkunsidrat:

L-appellanti, fir-rikors ta' appell taghha, ressqet tliet aggravji, pero` l-ewwel tnejn gew irtirati fl-udjenza msemmija tal-1 ta' Settembru 2006. Jibqa' ghalhekk x'jigi kkunsidat l-aggravju li jghid, pjuttost lakonikament, "Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel zewg aggravji, il-Qorti ghamlet ukoll apprezzament hazin tal-fatti."

Din il-Qorti, wara li regghet semghet il-provi kollha fl-udjenza tal-1 ta' Settembru 2006, hi tal-ferma konvinzjoni li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament korrettissimu tal-provi li kellha quddiemha. Infatti din il-Qorti, bhall-ewwel Qorti qabilha, m'ghandhiex l-icken dubju li kienet l-appellanti li filghaxija tat-12 ta' Jannar 2006, ghall-habta tad-9.00pm, volontarjament ghamlet hsara fil-pajpijiet tal-ispiera proprjeta` ta' Maria Cini. Dan jirrizulta car mid-deposizzjoni ta' Ursola Agius, li effettivament rat lill-istess appellanti taghmel din il-hsara (ghalkemm dak il-hin ma ntebhitx x'inhi taghmel ezattament). L-appellanti tittanta forma ta' *alibi* ghax tghid li fil-hin in kwistjoni hija kienet qed tiehu hsieb il-Klabb tal-*Football*, izda mid-deposizzjoni taghha stess huwa evidenti li kien hemm hin bizzejjed, meta illargat mill-imsemmi klabb, biex tmur taghmel dak li effettivament ghamlet. Kwantu ghall-kwistjoni tad-data, huwa veru li kemm Maria Cini kif ukoll Ursola Agius ighidu

li l-incident gara fil-11 ta' Jannar u li huma – proprjament Ursola Agius – cemplu l-Ghassa tal-Pulizija fit-12 ta' Jannar. Pero` kemm is-Surgent 676 Edelon Spiteri kif ukoll il-Kuntistabbli 21 George Mercieca jghidu li t-telefonata rcevewha fit-13 ta' Jannar u li r-rapport li sar kien jirreferi ghal incident li sehh il-gurnata ta' qabel, cioe` 12 ta' Jannar. Hu evidenti ghal din il-Qorti li tant kien hemm incidenti bejn Cini u l-appellanti, li l-istess Cini u ohtha qed ihawwdu d-dati, izda dan ma jnaqqas xejn mill-forza tad-deposizzjoni ta' Agius ghal dak li jirrigwarda x'rat lill-appellanti taghmel.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Il-periodu operattiv ta' sentejn tas-sentenza sospiza jibda jiddekorri mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------